# Austrian Tyrol & the Bavarian Alps

**7** T'IJIEM

MINN € **1150** KULL PERSUNA

## 09 - 15 TA' LULJU

**INŻURU:** Kufstein, Innsbruck, Fussen, Neuschwanstein Castle, Eagle's Nest, Lake Konigsee, Garmisch Parterkirchen, Zugspitze, Hallstatt.

### IL- ĦADD 9 TA'LULJU

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-06:45am għat-titjira KM306 li ttir fid-08:45am u naslu **Munich** fil-11:05am. Wara transfer bil-kowċ lejn Lag Starnberg, li l-akbar lag ġewwa l-Ġermanja, imdawwar b'xenarju mill-isbaħ. Ġewwa **lag Starnberg** kien instab il-ġisem bla ħajja ta' Re Ludwig II. Flimkien mat-tour leader nagħmlu passiġġata matul il-lag u jkollna ħin għall-ikel (extra). Inkomplu lejn **Kufstein** fl-**Awstrija** fejn ser noqogħdu ġewwa il-**Goldener Lowe 3 Star+**. Sistemazzjoni tal-kmamar u wara ħarġa mal-leader u ċena fil-hotel.

### IT- TNEJN 10 TA'LULJU

Il-Ħadd wara li nieħdu buffet breakfast lestejna għalikom eskursjoni għal **Innsbruck**. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġewwa l-belt ta' Innsbruck, il-kapitali tal-Istat Federali-Tyrol. Flimkien inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-parti moderna. Fost oħrajn naraw Hofgarten, Hofkirche, Helblinghaus, Ottoburg u Goldenes Dachl, ikollna ħin għax-xiri ta' souvenirs. Wara nkomplu l-eskursjoni lejn Crystal Factory fejn hawnhekk ħa naraw xogħol mill-isbaħ magħmul bil-kristall. Nirritornaw lura l-lukanda.





### IT-TLIETA 11 TA'LULJU

Eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn niskopru l-ġmiel ta' **Neuschwanstein Castle**, il-kastell ta' Re Ludwig li hu mibni fuq stil neo romanesk u li hu ta' fama mondjali. Immorru wkoll fuq **Marian Bridge** mnejn nistgħu nieħdu r-ritratti tal-kastell. Inżuru wkoll' **Hohenschwangau Castle'** u jkollna l-opportunita' li nidħlu u ngawdu l-ġmiel li joffri dan il-kastell (entratura extra). Wara nżuru l-villaġġ ta' **Fussen**, riżort ta' btala u spa popolari mmens, li nsibuh ukoll fil- foothills tal-Alpi. Ħawn nagħmlu dawra maċ-ċentru storiku.

### L-ERBGĦA 12 TA'LULJU

Skopri magħna l-villaġġ ta' **Hallstatt**, meqjus bħala World Heritage Site mill-UNESCO. Hallstatt hu villaġġ Awstrijak li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħi. Flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra mal- post fejn naraw il-knisja ddedikata lil Santa Maria, kif ukoll il-Beinhaus – **Bone House** (dħul extra). Ma tistax tkun Hallstatt u ma tmurx dawra mal-lag fejn tgawdu l-ġmiel tan- natura (boat extra). Wara jkollna ħin liberu għal xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura l-hotel.

### IL-ĦAMIS 13 TA'LULJU

Wara l-kolazzjoni għandna għalikom eskursjoni għal **Garmisch-Partenkirchen**, skiing riżort Ġermaniż. Ġewwa dan ir-riżort famuż saru l-Olimpijadi tax-Xitwa fl-1936. Minn hawn imbagħad inkomplu triqitna lejn **iz-Zugspitze**, fejn naqbdu cogwheel (extra) biex nitilgħu fuq din il-muntanja, li hi wkoll l-ogħla muntanja fil-Ġermanja (10,000 pied). Hawn naraw xenarju li żgur ma jintesiex, lag spettakolari ġewwa l-Bavarja. Nirritornaw lura lukanda.

### IL-ĠIMGĦA 14 TA'LULJU

Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Eagle's Nest** u **Lake Konigsee**. L-ewwel waqfa tagħna tkun ħdejn il-muntanja Kehlstein mnejn naqbdu bus żgħira (extra) li twassalna **Hitler's Tea House** magħrufa bħala l-**Eagle's Nest.** Minn hawn ingawdu x-xenarju mill-aktar spettakolari tal-Alpi. Hekk kif nerġgħu ninżlu nsibu l-kowċ tistennina biex immorru lejn il-**lag ta' Konigsee** li hu l-iżjed lag fond u nadif ġewwa l-Ġermanja, dan il-lag tistħajlu xi fjord Norveġiż. Min irid jista' jmur dawra bil-boat madwar il-lag (extra). Nirritornaw lura l-hotel.

### IS-SIBT 15 TA'LULJU

Breakfast u nitilqu lejn il-belt ta' **Munich** fejn mal-wasla tagħna jkollna city tour, immorru naraw il-Pjazza Ċentrali ta' Marienplatz li hi ddominata mill-koppli tal-kampnari ta' Fraunkirche – knisja tas- seklu ħmistax. Naraw ukoll il-famuż arloġġ Rathaus Glockenspiel li jinsab f'din l-istess pjazza, Isar Tor, St Michael's Kirche, Karlsplatz bil-famuża funtana u toroq Neuhausen Strabe u Kaufinge Strabe, żewġ toroq mimlija stabbilimenti u ħwienet mill-isbaħ. Ikollna ħin liberu għal shopping. Fit-15:15 transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Munich għat-titjira KM 309 li ttir fis-18:50 u naslu lura Malta fid-21:00.

### PREZZ KULL PERSUNA
### HALF BOARD, ESKURSJONIJIET, TAXXI NKLUŻI

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,200 | €1,150 |
| Kamra żewġ persuni | €1,205 | €1,155 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,270 | €1,220 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €850 | €800 |

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira mall-Air Malta; Malta – Munich - Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- (entraturi, *cable cars* u dgħajjes mhux inklużi)
- 6 lljieli – Hotel Goldener Lowe 3*+, fiċ-ċentru ta' Kufstein
- Buffet breakfast kontinentali kuljum
- Half Board
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency protection